# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 58/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**ES**

**vs**

**TH**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' ES, datat 4 ta' Frar, 2019, a fol 1, li jaqra hekk :

*Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-1 ta' Gunju tas-sena 2002 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, C, li ghadu minuri ;*

*Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Borg fis-16 ta' April tas-sena 2015 (Ara Dok. ES1) ;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

*Illi l-partijiet kienu irrinuznajw reciprokament illi jircievu manteniment minghand xulxin (vide klawzola numru tnejn (2) tal-kuntratt anness), u l-manteniment mahsub ghal minuri huwa regolat permezz tal-klawzola numru disgha (9) tal-istess kuntratt, u di piu' dan dejjem jigi ivversat b'mod regolari ;*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita fis-seduta u gie spjegat lilha d-dritt ta' avukat (vide fol 16);

Rat illi ir-rikorrent iddikjara ruhu responsabbli ghall-ispejjez kollha tal-kawza (vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**ES** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Gunju 2002 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-16 t'April 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li ghadu minuri. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**TH** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-1 ta' Gunju 2002, (Vide Dok. A a fol 18) u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minuri;

Il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kuntratt redatt min-Nutar Dottor Anton Borg, datat 16 ta' April, 2015 (Vide Dok.ES1 a fol 2 et seqq.) u debitament awtorizzat mill-Qorti;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin;

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2019, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**